*APPREZZAMENT*

# Mons. Tumas Curmi

## 13-01-1931 - 29-11-2009



Tard filgħaxija ta' nhar is-Sibt, 28 ta' Novembru ġriet l-aħbar li kien miet Mons. Tumas Curmi fl-età ta' 78 sena. Minħabba l-kontribut tiegħu, Mons. Curmi, mill-Fontana, Għawdex, kien qassis magħruf f'bosta ċrieki minkejja l-fatt li għal snin, il-mard u n-nuqqas ta' mobilità illimitawlu l-kuntatti u l-attività tiegħu.

Mons. Curmi – jew aħjar Dun Tumas kif kien l-aktar magħruf mill-poplu – twieled fit-13 ta' Jannar, 1931, fil-Fontana fejn għamel żmien jaqdi l-funzjonijiet saċerdotali tiegħu. F'dan iż-żmien kien waqqaf ukoll iċ-ċirklu għaż-żgħażagħ ta' din il-parroċċa. Iżda l-enerġija dinamika tiegħu ma ħallitux magħluq biss fil-konfini ta' parroċċa żgħira. Niftakruh fil-bidu tas-sittinijiet meta introduċa f'Għawdex l-Għaqda Żgħażagħ Ħaddiema Nsara u ferrixha kważi fl-irħula kollha Għawdxin. Kien ġabar madwaru bosta żgħażagħ Għawdxin u ħolqilhom skop ieħor biex juru t-talenti tagħhom permezz ta' inizjattivi soċjo-kulturali u sportivi. Imma aktar minn hekk, ippreżenta Għaqda moderna u proattiva. Billi l-Għaqda kienet għaż-żgħażagħ immexxija miż-żgħażagħ, liż-żgħażagħ bniet u subien Għawdxin ipprovdielhom ukoll mezz biex jibdew jerfgħu responsabbiltajiet, juru sens ta' organizzazzjoni u *leadership*, u fuq kollox sens civiku billi jiflu, jiddiskutu, janalizzaw u jieħdu azzjoni dwar problemi soċjali li kienu jolqtu l-interessi tal-ħaddiema u tal-ambjent ċiviku inġenerali.

Fi żmien il-veskovat ta' Mons. Nikol Cauchi, Dun Tumas serva ta' Segretarju Amministrattiv fil-Kurja ta' Għawdex. Kien amministratur kuraġġuż u dinamiku li ħa bosta deċiżjonijiet siewja biex jirriforma u jorganizza l-amministrazzjoni tal-Kurja Veskovili. Kien responsabbli għat-twaqqif ta' bosta uffiċċji fil-Kurja, kif ukoll ta' inizjattivi soċjali, fosthom it-tqassim ta' artijiet tal-Knisja bil-għan li fuqhom jitla' bini residenzjali għall-familji. Uħud minn dawn il-proġetti kienu fil-qasam magħruf bħala taċ-Ċawla, barra r-Rabat, fejn inbnew ukoll knisja u ċentru għall-qadi u l-edukazzjoni reliġjuża. Kien strumentali wkoll għar-riforma li saret fl-Istamperija tal-Istitut ta' San Ġużepp, Għawdex, billi kien introdott apparat modern tal-istampar. Dun Tumas kien għamel ukoll xogħol pastorali f'parroċċi f'Sydney u f'Melbourne.

Fl-1972, Dun Tumas Curmi laħaq monsinjur kuġitur ta' Mons. Ċelestinu Galea. Aktar tard fl-istess sena sar monsinjur effettiv fejn wettaq ħidma diversa, anki fl-uffiċċju tal-proprjetà tal-istess Katidral.

Minkejja li l-mard irrestrinġielu l-attività u rabtu mal-għeluq tad-dar, b'mod indirett u forsi wkoll diskret, Mons. Curmi baqa' involut fl-amministrazzjoni tal-Knisja permezz ta' konsulenza u pariri. Minħabba l-esperjenza twila u l-kuntatti tiegħu, kien imfittex ukoll għal pariri amministrattivi u dwar organizzazzjoni ta' beni, minn għaqdiet u Ordnijiet Reliġjużi. Minkejja t-tbatija li għadda minnha f'dan iż-żmien diffiċli, qatt ma qata' qalbu. Kien dejjem lest li jgħin b'dik il-kelma faċli u bis-soluzzjoni dejjem lesta fil-komma.

Il-korteo funebri numeruż u s-servizz reliġjuż li sarlu fil-Katidral jixhdu r-rispett li kien igawdi Mons. Tumas Curmi f'bosta ċrieki ekklježjastiċi u soċjali. Nieħdu din l-okkażjoni biex inwasslu l-kondoljanzi tagħna lill-familjari, b'mod speċjali lil ħuh, Mons. Manwel Curmi.

Mulej, agħti lil Mons. Tumas Curmi l-mistrieħ ta' dejjem u ilqgħu fi ħdanek għad-dawl etern.

***Joe Camilleri***

